

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4633 — AREP LP/Lear)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 108/11)

1. Fis-27 ta' April 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża American Real Estate Partners, L.P., ("AREP LP", USA), li l-kontroll aħħari tagħha huwa f'idejn is-sur Carl Icahn, takkwista fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll kollu kemm hu ta' l-impriża Lear Corporation (USA) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

- għas-Sur Icahn: Interessi f'entitajiet ta' investiment u kumpaniji diversi inklużi fil-proprietà immobbli, fit-telekommunikazzjoni, fit-tessuti, fil-kiri ta' vaguni tal-ferroviji, u fis-servizzi industrijali u ambjentali;
- għal AREP LP: kumpanija possedenti b'interessi li jinkludu logħob, proprietà immobbli u t-tizjinn fid-djar;
- għall-Korporazzjoni Lear: fornitur ta' sistemi ta' seats, prodotti elettroniċi u sistemi ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku u prodotti oħra interni għall-industrija tal-karozzi.

3. Wara investigazzjoni preliminari, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni nnotifikata tista' taqa' fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ possibbilment jista' jiġi ttrattat skond il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettulha l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

L-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (numru tal-fax +32/2/2964301) jew inkella bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4633 — AREP LP/Lear, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p.1

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p.32